L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 28 ta' Frar, 2003

## Il-jien u l-Lauri

Ir-rizultat tar-rapport Lauri flejtu bhal ma flieh kulhadd però li kien daqshekk mhux ta' sorpriza meta hareg ir-rizultat tar-rapport tal-Professur Lauri huwa li jien l-istess rizultat kien ilni nippridkah, bid-dettalji kollha tieghu, ferm qabel ma hareg.

U kif ? Billi rrikorrejt ghal-logika! Fil-fatt naqbel mieghu perfettament! Ghax naqbel mieghi nnifsi!

L-ironija hi li jien kont ilni nhabbar dan ir-rizultat u nippridkah bla ma ghamilt l-ebda rapporti xjentifici. La jien il-Professur Lauri u lanqas De Bono, izda biz-zmien zviluppajt certi processi mentali personali li bihom wasalt ghall-istess konkluzjonijiet li waslu l-professuri. Izda, id-differenza hi li jien wasalt ghall-konkluzjonijiet tieghi minghajr, f'dal-kaz, la kont naf kemm qieghda titlef l-Università ta' Malta, la kelli access ghall-ebda dokumenti sigrieti taghha u lanqas tal-Gvern, la kont naf kemm hemm studenti l-Università, la kemm jithallas min jghallem l-Università u lanqas ma qghadt nikkalkula somom! Ma nafx jekk ir-ragunament tieghi kienx laterali, vertikali jew orizzontali, izda dan effettiv! U l-Lauri tani ragun!

Izda biex nifhem sitwazzjoni fuq livell nazzjonali jew kbir fl-ekonomija, kemm-il darba nirreferi ghal sitwazzjoni simili fuq skala ferm izghar fil-hajja ta' kuljum. Biex nitkellmu bil-lingwa tal-professuri, dan nista' nghidu bi kliem iktar professjonali – li niehu spunti mill-mikro-ekonomija biex nasal ghal rizultati fil-makro-ekonomija!

Ikkunsidrajt sitwazzjoni fejn bniedem joffri servizz: per ezempju jaqta' xaghar. Jibda jkollu klijentela kbira ghax ikun ghamel isem, u kulhadd irid jaghmel xaghru ghandu, u jdahhal Lm200 kuljum izda jibda jghejja. Il-gurnata tieghu ma tista' qatt titwal izda b'xi mod irid isib mument biex jistrieh la ma jitlef flus. Bil-mod il-mod wahdu se jirrealizza li billi d-domanda hija kbira, wahda mill-mezzi kif inaqqas ix-xoghol u jaqla' l-istess flus huwa li jgholli l-prezz! Dan halli min irid imur u min ma jridx ma jmurx! Min irid ihallas verament ghas-servizz tieghu u min hu verament lejali lejh se jibqa' jigi bi prezz oghla u l-barbier ikun wasal ghal li ried u jkun naqqas ix-xoghol bla ma naqqas id-dhul. Nemmen li din hija maturità naturali ta' success fin-negozju.

Minn dan l-ezempju nasal imbaghad ghas-sitwazzjoni ta' l-Università. L-Università li bhalissa tilqa' tant studenti fiha, ma tisa' qatt tikber (u meta nghidu tikber, qeghdin nghidu tikber b'mod sostenibbli) bhalma ma tistax titwal il-gurnata tal-barbier! Jekk l-Università ma tistax tikber u d-domanda se tikber, jigifieri, iktar studenti jkunu jixtiequ jistudjaw f'dik l-Università, wahedha l-Università se jkollha tasal f'punt li trid taghmel xi haga biex tnaqqas id-domanda bhalma ghamel il-barbier. Mentri fl-Università bhalissa mhux talli mhix titlob hlas mill-istudenti izda qieghda taghti xi haga hi (ghalkemm il-piz ta' l-istudenti digà beda jaqa' fuq il-banek iktar milli fuq l-Università u l-Gvern) ghax s'issa ghadha mibnija fuq sistema socjali iktar milli kummercjali. Ghax wiehed ma jridx jinsa li l-edukazzjoni hija wiehed minn dawk is-setturi li fihom hrug biss ghall-Gvern (fil-fatt dan rajnieh fit-tnaqqis tal-*budget* ghall-edukazzjoni ta' din is-sena); bil-mod il-mod wahda mit-toroq ovvji li tista tiehu l-Università hija li taghzel l-istudenti billi tgholli l-prezz!

Il-flus isolvu hafna problema bhalma joholqu! U l-flus huma arma ferm effettiva li l-Università ta' Malta tista' tuza halli minn ma jridx jidhol joqghod! U bl-istess indifferenza li l-barbier jinsa lil dak li m'ghandux jigi jaqta' xaghru ghandu ghax gholla l-prezz daqshekk iehor l-Università ssir indifferenti ghal dak l-istudent li kieku mhux ghall-flus kien jidhol l-Università. L-indifferenza tohrog minhabba li toghla d-domanda! Jekk ikollok ftit klijenti tittrattahom kif jixraqilhom u tibza' ghalihom

halli jgibulek ohrjan, mentri jekk ikollok hafna bil-mod il-mod tibda tabbanduna u jekk xi hadd minnhom jabbandunak int ma timmissjahx u tigi litteralment taqa' u tqum minnu ghax trabbi certa arroganza ekonomika li titrabba naturali daqskemm il-haziz jaqbad mal-blat u t-tikmix jidher mal-wicc biz-zmien!

Imbaghad, meta naslu f'dan il-punt ma nibqghux nitkellmu fuq bazijiet socjali ta' l-Università u lanqas fuq Maltin bhalna u kompatrijotti! Wara kollox se jkollna miktub bl-abjad fuq l-iswed li kollha se jkunu cittadini ta' art wahda wisq akbar minn taghna. Ghall-inqas hekk se jghidilna t-Trattat ta' Ruma u l-principji ta' l-Unjoni. Izda jarralna bil-kbir jekk wara nibdew inhossuna li ghandu jkollna xi drittijiet preferenzjali ghax ahna Maltin u ghax noqoghdu kantuniera 'l boghod mill-Università!

Ghax imbaghad il-principji ta' l-Unjoni jibdew imorru direttament kontra dak li nhoss u l-qalb tuggha kemm tuggha m'hi se tbiddel l-ebda trattati. U l-istess il-but u l-faqar ta' l-individwu m'huma se jbiddlu qatt dak li huwa fl-interess ta' l-Unjoni! Nafu kemm-il darba l-ligijiet, il-poplu, ma jifhimhomx u jipprotesta kontrihom u jaqsam qalbu ghax jittiehdu anke mill-qrati Maltin, izda wahda mill-ewwel affarijiet li titghallem l-Università meta tibda tistudja ghal avukat hija li l-ligi mhix morali (!) u l-ligi ma thares lejn wicc hadd u kif inhi miktuba biss!

Dur maghha kif trid jekk ghandek il-provi, imma, il-ligi hija wahda! Bil-biki, bl-aghjat u t-tqanzih m'intix se tibdilha! L-istess xi decizjoni mill-Università ta' Malta li ssir bil-flus ghax m'ghadhiex sostenibbli jew ghax ghandha domanda kbira u ma tistax tlahhaq maghha.

Però ta' min wiehed jghid li jezisti mezz iehor kif Università b'arroganza ekonomika u moghmija b'domanda kbira tehles minn studenti zejda. Billi taghmel il-famuz *numerus clausus*. Dan ma jfisser xejn hlief li taccetta biss l-iktar studenti li ghandhom l-iktar kwalifiki. U, hawnhekk, ukoll kemm-il darba wiehed jista' jesperjenza qsim il-qalb. Ghax student ghalkemm tajjeb jista' ma jkunx b'xortih dejjem u l-hin kollu. S'issa jekk student ghandu bzonn sitt rizultati 'l fuq minn 'C' biex jidhol fi skola partikulari u wiehed minnhom igibu 'D' ikun tilef sena skolastika, u zgur li tkun esperjenza kerha li jibqa' jiftakar ghal ghomru. Ahseb u ara jekk in-*numerus clausus* ikun wiehed iktar strett! Li, per ezempju, kors jirrikjedi hames rizultati 'A', lanqas biss wiehed ma jrid johlomha! Però, l-beda mohh Malti hu kemm hu favur l-Unjoni ma nahseb li qatt immagina sitwazzjoni fejn minhabba grad wiehed, cioè li flok gab 'A' gab 'B', ma jmur l-Università japplika u jghidulu li ma jikkwalifikax u biex taparsi jwennsuh jghidulu li jista' jmur jistudja barra! Jiguh gholja l-erba' marki li jkun tilef! Ghax biex jaghmel il-kors xorta ta' l-Università fl-istess zmien ikollu jhallas il-passaggi, fejn joqghod, l-ikel u l-Università mentri, jekk l-Università ta' Malta tkun ghadha bla hlas, ikollu fuq kollox ihallas l-Università ta' barra minn Malta wkoll! Miskin ikun vera sab iz-zbiba fl-ahhar tal-mazzita!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*